IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum is-16 ta' Diċembru, 2025

Rikors numru: BCT/47/2025 CV

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

Alfred Polidano

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fejn huwa premetta u talab is-segwenti:

1. *Illi dan ir-rikors huwa appell fir-rigward ta' Avviz ta' Penali Amministrattiva mahrug fis-16 ta' Lulju 2025 (Kopja hawn annessa u mmarkata Dok A).*
2. *Illi l-appellant huwa maniġer tas-sit Msida Creek, Ix-Xatt ta' Xbiex, Misraħ Ġuże' Ellul Mercer, Triq Marina, Xatt I-Imsida, Misraħ il-Ħamsa ta' Ottubru, Misraħ tal-Menqa, Triq il-Wied tal-Imsida, Triq M.A Vassalli, Triq D'Argens, Triq il-Kunċizzjoni, Msida, fejn qed isiru xogħlijiet skont il-permess PA/02053/20.*
3. *Illi permezz ta' dan l-Avviż, l-Awtorita' stipulat illi fl-14 ta' Lulju 2025 kien hemm: Ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08: Stekkat mhux stabbli u mhux sod Gialadarba dan l-aġir jikkostitwixxi ksur ta' Regolamenti tal-Liġi Sussidjarja 623.08, bis-saħħa ta' l-istess Liġi, kif ukoll fuq dak li jipprovdi l-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorita' qiegħda timponi fuqek Penali Amministrattiva fl-ammont ta' Hames Mitt Ewro (€1000).*
4. *Illi l-appellant hassu aggravat minn din id-deċiżjoni fil-konfront tieghu u minnha qed jinterponi dan l-umli appell;*

5. *Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi fid-data tal-allegat ksur tar-regolamenti, l-istekkat kien fil-fatt stabbli u sod u l-appellant kien qed jissorvelja is-sit in kwistjoni.*
6. *Illi dan qed jingħad fil-kuntest li fid-data u l-hin tal-allegat ksur tar-regolament s-soċjeta' li magħha huwa impjegat l-appellant kienet intalbet mingħand organizzaturi tal-festa tal-Msida sabiex tagħtihom daqqa t'id fl-għarmar tal-ġostra, u b'mod specifiku biex thammel l-art fil-bahar.*
7. *Illi għalhekk, jekk l-Awtorita' sabet li l-istekkat ma kienx stabbli jew sod, dan mhuwiex minnu ma kienx f'postu għaliex dan il-ħin, l-ingenji tal-istess soċjeta' kienu qed jidħlu u joħorġu mill-entratura relattiva sabiex jwettqu dawn ix-xogħlijiet imsemmija.*
8. *Illi mhux hekk biss, iżda dan il-proċess kollu kien qed isir taħt is-sorveljanza tal-appellant Alfred Polidano.*
9. *Illi minflok ma ġie rikonoxxut l-isforz tal-appellant li għen biex titwettaq attività tradizzjonali Maltija b'importanza kulturali, dan spiċċa mmultat, bhal donnu qed jiġi kkastigat talli offra l-għajnuna tiegħu.*
10. *Illi allura, minkejja li s-sit kien temporanjament miftuħ għall-passaġġ tal-vetturi, dan kien taht sorveljanza f'dak il-ħin, u għalhekk is-sit kien taht kontroll sabiex jiġi żgurat li ma ssir l-ebda ħsara jew periklu għall-pubbliku.*
11. *Illi ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet, dan l-Onorabbli Tribunal għandu jilqa dawn l-aggravji u jħassar u jirevoka d-deċiżjoni tas-16 ta' Lulju 2025 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.*

    Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-appellant filwaqt li jirrizerva d-dritt li jressaq provi ulterjuri u jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri, umilment jitlob lil dan -Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka u jhassar l-Avviz ta' Penali Amministrattiva u d-decizjoni mehudha mill-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni fl-ismijiet u d-dati premessi u dan taht kull provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun.

Ra r-risposta tal-Awtorita’ appellata li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita’ ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f’kull aspett;*

2. *Illi qed jkunu annessi u immarkati bħala DOK A Trial of Event, u bħala DOK B ritratti;*
3. *Illi hekk kif jidher mil-annessi, l-uffiċjali tal-Awtorita' wara li investiga il-każ, irriżulta li ma kienx hemm "hoarding" adegwad f'dan il-mument, liema jmur kontra r-regolamenti magħmula taħt l-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta;*
4. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*
5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-appell odjern jirrigwardja deċiżjoni tal-Awtorita' intimata ta' nhar is-sittax (16) ta' Lulju, 2025 li permezz tagħha ġiet imposta penali amministrattiva fl-ammont ta' elf ewro (€1,000) in vista' ta' allegat ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08, speċifikament minħabba raġuni speċifika u ċioe "***Stekkat mhux stabbli u mhux sod***".

L-appellant ħarrek lil Ian Napier sabiex jippreżenta l-posizzjoni tiegħu, li huwa General Manager fi ħdan is-soċjeta' Polidano Brothers. Hu jibda biex jgħid li l-entratura indikata mill-Awtorita' fir-ritratti preżentati minnha mar-risposta tagħha, kien aċċess temporanju li kien ġie mitlub mill-klijent sabiex tkun tista' sseħħ il-festa tal-Imsida u partikolarment l-attivita' tradizzjonali "Il-Ġostra". Ian Napier jikkonferma li wara l-festa' din l-entratura temporanja reġgħet ingħalqet u l-perjodu li nżammet bħala entratura kienet għal perjodu ta' ġurnata jew

tnejn. Wara din reġgħu ġew installati l-barrikati magħrufin bħala '*jersey barriers'*. Hu jgħid li tul dak il-perjodu qasir kien hemm minflok tip ta' *fencing* magħruf bħala '*Heras fencing'*.

L-Awtorita' ħarrket lill-ispettur inkarigat mill-avviż in kwistjoni, Roland Scicluna li kkonferma li dakinhar li saret l-ispezzjoni sab li kien hemm il-*gate* miftuħa. Huwa kkonferma li dak iż-żmien kienet għaddejja l-festa tal-Imsida u kkonferma ukoll li kien hemm *fencing*.

It-Tribunal jibda biex jagħmel referenza għal regolament 3 tat-Tieni Skeda tal-Avviż Legali 340 tal-2022 li jipprovdi dettalji ċari dwar il-mod kif għandu jkun l-istekkat li għandu jservi bħala protezzjoni ta' sit ta' kostruzzjoni:

> *3. L-istekkat għandu jinbena mill-injam jew qafas tal-metall u għandu jitgħatta b'mesh jew b'materjal adegwat li ma jinħoloq l-ebda impatt visiv tax-xogħol li jkun għaddej fis-sit. Aktar minn hekk:*
> *(a)kull stekkat għandu jifforma barriera kontra l-ħruġ ta' trab u debris mis-sit għall-ambjent tal-madwar;*
> *(b)l-istekkat għandu jiġi ddisinjat b'mod li jkun jiflaħ għal qawwa ta' riefnu (Forza 8 u aktar) b'xi rbit skont kif neċessarju sabiex jiġi evitat li dan jinqaleb u jiżgura stabbiltà. Madankollu l-istekkat li jmiss ma' skavar għandu jkun iddisinjat li jiflaħ għal kwalunkwe impatt estern;*
> *(ċ)stekkat u barrikati għandhom jinżammu f'kondizzjoni tajba sabiex dawn jissodisfaw l-għan tagħhom;*
> *(d)kull xogħlijiet għandhom isiru 'il ġewwa mill-istekkat; u*
> *(e)jista' ikun permissibbli t-twaħħil ta' reklami ma' l-istekkat soġġett għar-regolamenti u l-liġijiet li jirregolaw ir-reklami.*

It-Tribunal jibda biex jinnota li r-raġuni tar-rifjut mogħtija mill-Awtorita' fl-avviż ta' nhar is-16 ta' Lulju, 2025 kienet waħda speċifika ferm u ċioe li l-istekkat ma kienx stabbli u sod. Mill-banda l-oħra, l-uniku xhud prodott mill-Awtorita' intimata, Roland Scicluna ma jsemmi xejn minn dan iżda jenfasizza fuq il-fatt li meta saret l-ispezzjoni kien sab il-*gate* miftuħa u ra ħaddiema deħlin u ħerġin. Ix-xhud ma jsemmi xejn dwar l-istabbilita' jew is-sodezza tal-grada in kwistjoni. It-Tribunal fela ukoll iż-żewġ ritratti preżentati, liema ritratti ma ġewx mogħtija konsiderazzjoni mix-xhud Roland Scicluna. Huwa evidenti li ż-żewġ ritratti in kwistjoni qajla jipprovdu informazzjoni aktar minn dak provdut mix-xhud prinċipali tal-Awtorita'. In fatti mir-

ritratt prodott lanqas biss jista' jiġi identifikat jekk il-grada hijiex miftuħa jew le. Sintendi lanqas ma jista' jiġi stabbilit li l-istess stekkat huwa nieqas mill-istabbilita' neċessarja jew li għandu xi element minn dak rikjest mil-liġi nieqes. It-Tribunal iqis li l-provi prodotti mill-Awtorita' appellata kienu skarsi u ċertament ma jissodisfawx l-oneru tal-prova rikjest mil-liġi sabiex jipprovdu l-konvinċiment rikjest mil-liġi li dakinhar tal-avviż kien hemm in-nuqqasijiet indikati fl-avviż u li kwindi kienu jinneċessitaw l-imposizzjoni tal-penali amministrattiva. B'hekk it-Tribunal iqis li l-Awtorita' naqset milli tippreżenta ġustifikazzjoni evidenti u ċara li tikkonferma r-raġuni tal-avviż ta' nhar is-16 ta' Lulju, 2025 u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-appell u tirrevoka l-avviż odjern.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq qed jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Awtorita' appellata u jilqa' l-appell tal-appellent u kwindi jirrevoka l-avviż maħruġ nhar is-16 ta' Lulju, 2025 u l-penali amministrattiva imposta fl-ammont ta' elf ewro (€1,000).

********** VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL **********

Dr Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan A. Psaila**
Chairperson	Membru	Membru